-

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 15

[Nhar l-Erbgħa 15 ta' Lulju 2020]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' bil-boardroom tal-Kunsill Lokali fil-5pm.

### PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion– Viċi Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Ian Buhagiar – Kunsillier
Hugh Caruana – Kunsillier
Jessica Borg – Kunsilliera
Alexander Zammit– Kunsillier
Shaun Farrugia – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Jeremy Cardona – Kunsillier

### ASSENTI

N/A

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## 15.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

15.1.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qal illi l-kunsillier J.Cardona talab biex ikun skuzat minħabba li kellu jkun ix-xogħol.

## 15.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 14 ta' Ġunju 2020

15.2.1 B'referenza għal punt 14.2.4 il-kunsillier N.Chetcuti qal illi qegħdin jaħdmu fis-sit izda dan għadu mingħajr permess. Ilmenta wkoll illi qed ikun hemm wisq toroq magħluqin mingħajr permess. Id-D.S.E fakkar illi għal każijiet bħal dawn għandom jiġu indirizzati l-aġenziji ta' infurzar.

15.2.2 B'referenza għall-punt 14.3.1 is-Sindku qal illi l-filmat sar.

15.2.3 B'referenza għal punt 14.6.1 is-Sindku qal illi membru tal-istaff qed jiġbor tlett stimi.

15.2.4 B'referenza għal punt 14.6.3 is-Sindku qal illi hemm ftehim biex inkomplu nieħdu ħsieb il-kontroll fuq il-ħamiem.

15.2.5 B'referenza għal punt 14.7.4 il-Viċi Sindku qal illi se jkellem lil ħabib tiegħu dwar il-pitch tal-futbol illi qed jissuġerixxa għall-ġnien.

Il-kunsillier Ian Buhagiar daħal għall-ħabta ta' 5.20pm

15.2.6 Il-kunsillier N.Chetcuti għamel referenza għall-punt 14.6.4 fejn qal illi dil-ġimgħa reġa kien hemm problema bil-linji. Is-Sindku qal hemm problema fl-infrastruttura fejn anka hemm problemi b'tal-kirijiet u l-LESA. Is-Sindku qal ukoll illi hemm problema bil-banek minħabba l-muniti fejn issuġerixxa li nibdew insarrfu l-muniti għand il-ħwienet ħalli niddepositaw l-ammont ta' muniti li rridu l-BOV biex inkunu konforma mall-proċeduri tagħhom.

Il-kunsillier Alexander Zammit daħal għall-ħabta ta' 5.27pm

15.2.7 B'referenza għal punt 14.7.1 is-Sindku qal illi l-Public Consultation se ssir waqt il-Beer Fest.

15.2.8 B'referenza għal punt 15.9.1 il-kunsilliera J.Borg talbet għall-update rigward l-applikazzjoni għas-Segretarju Eżekuttiv. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi tagħlaq nhar il-Ġimgħa 17 ta' Lulju.

15.2.9 Il-kunsillier N.Chetcuti ppropona li l-Minuti jiġu approvati. Il-kunsillier H.Caruana ssekondaħ.

## 15.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 8 ta' Lulju 2020

15.3.1 Il-kunsillier H.Caruana staqsa jekk hemm xi zviluppi dwar l-appell. Is-Sindku qal illi l-avukata qed taħdem fuqha.

15.3.2 Il-kunsillier I.Buhagiar ippropona li l-Minuti jiġu approvati. Il-kunsilliera J.Borg issekondat il-proposta.

## 15.4 Korrespondenza mas-Sindku

15.4.1 Is-Sindku għamel referenza għal artikolu li deher fuq is-sit *LovinMalta li jaqra 'There Was A Lack Of Due Process': Gżira Local Councillor Explains His Controversial Petrol Station Vote* li-deher f'l 10 ta'Lulju. Dan l-artiklu sar wara li il-kunsill hareg l-istqarrija kif kien ttieħħed il-vot fuq il-pożizzjoni tal-Kunsill fil-laqgħa urġenti dwar jekk il-kunsill għandux imur il-qorti biex jappella id-decizjoni tal-Awtorita tal-Ippjanar rigward il-permess tal-pompa tal-petrol. Is-Sindku għamel referenza għall-kliem li uża l-kunsillier A. Calleja Zammit f'dan l-artiklu fejn qal illi astenja mill-vot minħabba 'lack of due process'. Is-Sindku qal illi dawn il-kliem intqalu mingħajr l-ebda bażi u bl-intenzjoni li ssir ħsara u jitfa dubju fuqhu u fuq il-kunsill. l-kunsillier A. Calleja Zammit qal dawn l-affarijiet mingħajr ma ħa konsiderazzjoni tar-riperkussjonijiet li ggib magħha u naqas mir-rispett lejn il-membri l-oħra tal-Kunsill.

15.4.2 Il-kunsilliera J.Borg staqsiet għalfejn intuża dak il-kliem meta il-process kien wieħed tajjeb u skond il-ligi. Il-kunsillier A. Calleja Zammit qal illi il-gazzetti ġabuha hekk. Is-Sindku qal illi meta jkun ikkwotat ħazin minn xi gażżetta iċempel biex tigi ikkorreġuta, jigifieri kellu l-opportunita li jagħmel hekk ukoll izda f'l-istess nifs il-Kunsillier A.Calleja Zammit qal li għalih kien hemm *Lack of due process* u għalhekk astjena fil-vot peress li sid il-pompa tal-petrol ma ingħatax l-opportunita biex jitkellem u għaliħ il-process tal-laqgħa ma kienx tajjeb. Is-Sindku wiegeb illi mexa b'li tipprovdi l-ligi u l-istanding orders u allura dak li insinwa il-kunsillier A. Calleja Zammit kien assolutament barra minn loku. Il-kunsillier A. Calleja Zammit stess iddikjara li dakinhar tal-laqgħa kellem lil sid il-pompa u qallu illi mhux se jkun jista jitkellem. Is-Sindku staqsa min kien avza lil sid il-pompa li il-laqgħa urgenti kienet ser issir f'l-4:00pm. Il-kunsillier A. Calleja Zammit qal illi ma kienx hu izda qal li suppost il-laqgħat jigu avzati b'mod pubbliku u is-Sindku qal illi f'dan il-kaz ma kienx avzat il-pubbliku, allura xi ħadd mill-kunsilliera kien avzaħ. Id-deputat Segretarju giebed l-attenzjoni illi fil-minuti tal-laqgħa urgenti f'punt 15.2.12 il-Kunsillier Zammit qal li kien avza lil sid il-pompa li jista jattendi izda ma jistax jitkellem. Dawn il-minuti gew approvati bi qbil unanimu ftit minuti qabel. Il-kunsillier A. Calleja Zammit irrikonoxxa illi s-Sindku għandu il-prerogattiva jekk iħalli jew ma jħallix lil membri tal-pubbliku jitkellmu.

15.4.3 Is-Sindku reġa staqsa allura gialadarba il-kunsillier A. Calleja Zammit qed jirrikonoxxi li l-ligi stess tagħti d-dritt li jħalli jew jħallix lil min jitkellem fil-laqgħa kif xi ħadd seta jgħid li fil-laqgħa u fid-deċizjoni li ħa seta kien hemm 'lack of due process'. Is-Sindku spjega li l-iskop tal-laqgħa ma kienx biex sid-il-pompa jispjega x'ser jagħmel izda purament biex il-kunsilliera jiġu informati, b'mod korrett, u biex jieħdu deċiżjoni fuq xi ħaġa fl-interess tal-lokalita. Is-Sindku fakkar ukoll illi kien talab lil perit tal-pompa, biex imorru jitkellmu miegħu jekk xi darba jiddeciedu li jmexxu l-applikazzjoni l-quddiem wara li l-istess perit kien ikkomunika miegħu rigward il-Bus Stop Kiosk u kien infurmaħ li kien il-perit tal-pompa ukoll. Is-Sindku qal li sid il-pompa għamel kommunikazzjoni miegħu biss wara li ttieħdet deċiżjoni tal-Planning għax sema li l-kunsill kien ser jappella l-EPRT allura kien tard wisq u ma kien hemm l-ebda lok għalL-mitigazzjoni izda lok biss għall-appell. Is-Sindku qal li kien għal-sid il-pompa il-kunsill kien jaqa għaċ-ċajt ma Malta kollha billi jinħareg permess u jinghata minn 270m$^2$ li għandu ghal qrib 1000m$^2$ minn gnien publiku, u il-kunsill ma jagħmel xejn. Is-Sindku żied li kienet purament fortuna li induna b'dan il-permess għax mar il-PA minħabba applikazzjoni oħra u ma kienx jaf li l-applikazzjoni tal-pompa kienet tmexxiet għal-permess u li kieku ma ġarax hekk kienu jgħaddu l-20 gurnata tal-appell u f'dak il-kaz ma kien jista jsir xejn biex din il-ġennata u l-isfreġġju fil-ġnien jitwaqqaf.

15.4.4 Is-Sindku qal illi fil-fehma tiegħu hemm intenzjonijiet oħra minn naħa tall-kunsillier A. Calleja Zammit speċjalment wara li hu ċempel u bagħat sensiela ta' emails lill-membri l-oħra tal-Kunsill biex jgħidilhom illi sid il-pompa jista jieħu azzjoni legali kontrihom bħala individwi jekk jivvottaw kontra l-proġett u jwaqqfu x-

xogħolijiet. Il-kunsillier A. Calleja Zammit qal illi m'hemm l-ebda intenzjonijiet oħra u astenja biss għax ried jisma l-versjoni l-oħra. Qal illi qabel ma ħareġ l-artikolu kien hemm anka tħeddid kontra l-familja tiegħu minħabba d-deċiżjoni li ħa, avolja ħa deċiżjoni skont dak illi ħass li kellu jieħu. Is-Sindku staqsa min heddu izda il-kunsillier A. Calleja Zammit baqa ma wegibx.

15.4.5 Is-Sindku għamel referenza għall-punt illi qal il-kunsillier A. Calleja Zammit fl-artikolu fejn qal illi s-Sindku ċempel lill-pulizija biex jirraporta u jimblokka lil din il-persuna milli tattendi il-laqgħa. Is-Sindku qal illi din kienet gidba u b'l-ebda mod ma mblokka lil ħadd izda ċempel lill-pulizija biss biex jagħrrafhom li kienet ser issir laqgħa taħraq rigward il-pompa u li s-sid, flimkien ma ragel ieħor, kienu hemm. Għamel dan sempliciment għas-sigurta tal-kunsilliera f'każ illi jkun hemm ġlied u għal xejn iktar, kif bħala Sindku responsabbli ħass li hu obbligat li jagħmel.

15.4.6 Il-Kunsillier A. Calleja Zammit għamel referenza wkoll dwar telefonata li is-Sindku għamel lil president tal-AKL, is-Sur Mario Fava, biex jirraporta lil din il-persuna. Is-Sindku qal li din hija gidba oħra u spjega li ċempel biss biex jikkonferma li sid il-pompa seta jattendi, izda ma setgħax jitkellem. Żied illi b'referenza dwar dawn l-akkuzi serji, u bla bazi ta *lack of due process,* jekk il-kunsillier ma jirtirax dak illi qal skont l-artikolu se jwieġeb hu.

15.4.7 Il-kunsillier S.Farrugia qal illi l-kunsillier A. Calleja Zammit għamel zball illi mar għand il-gazzetti, speċjalment bil-versjoni ħażina ta' kif ġraw l-affarijiet. Il-kunsillier A. Calleja Zammit reġa qal illi m'għoġbux kif saru l-affarijiet fejn il-persuna ġiet mċaħħda mill-opportunita biex titkellem. Is-Sindku qal illi fl-ebda ħin ma kien hemm 'lack of due process' waqt illi persuna valida li għanda interessi fil-lokalita ma kinitx tastjeni għall-ebda raguni meta il-mistoqsija kienet biss jekk il-kunsill għandux imur għall-appell jew le. Is-Sindku żied li l-mistoqsija kienet ċara u kienet tibni fuq deċizjoni meta il-kunsill mar għall-ewwel appell f'l-EPRT. Il-kunsillier A. Calleja Zammit ġie kkwotat f'l-artiklu li s-Sindku għandu agenda personali f'dan ir-rigward. Is-Sindku talab biex jissostanzja din l-akkuza serja. Izda il-kunsillier A. Calleja Zammit ma weġibx.

15.4.8 Il-kunsillier H.Caruana wkoll talab spjegazzjoni għalfejn il-kunsillier A. Calleja Zammit ħass illi għandu jmur għand LovinMalta. Il-kunsillier A. Calleja Zammit qal illi m'astjenhiex għax jaqbel mall-proġett izda astenja biss minħabba l-proċess. Il-kunsillier H.Caruana qal illi sid il-pompa mar ikellem lil ħafna kunsilliera qabel il-laqgħa u ħadd ma mar pubbliku b'dak illi ġara, u ħadu deċiżjoni fl-interess tar-residenti. Il-kunsillier A. Calleja Zammit ħalef illi l-ġnien m'għandux jintmiss izda qal illi ħass illi għandu jitkellem. Qal ukoll illi hu qatt ma ltaqa ma sid il-pompa. Fuq dan il-punt il-Viċi Sindku qal illi ra lis-sur A. Calleja Zammit ma sid il-pompa ix-Xatt hdejn Cafe Jubilee, fejn anka s-Sur Zammit kien ra lilu [il-Viċi Sindku]. Il-kunsillier A. Calleja Zammit ammetta dan u qal li-sid il-pompa mar jiġri warajh lmeta kien qed jixtri. Il-kunsillier S.Farrugia qal illi, kif qal fil-laqgħa preċedenti, hu kien iddikjara li sid il-pompa kien mar ikellmu, u l-kunsillier H.Caruana qal l-istess.

15.4.9 Is-Sindku qal illi dik il-laqgħa saret għall-kunsilliera biex kulhadd ikun infurmat bid-dettalji izda Il-kunsillier A. Calleja Zammit baghat emails b'informazzjoni ħażina dwar il-proċess legali u l-impatt fuqhom personali avolja kienet diġa ttieħdet deċiżjoni fil-Kunsill li ssir appell, u fakkar illi kien hemm qbil unanimu meta sar l-appell f'l EPRT. Il-kunsillier A. Calleja Zammit qal illi kien qal illi jixtieq jara d-dokument l-ewwel u mar personalment il-Planning Authority biex jara x'hemm. Il-kunsillier H.Caruana staqsa x'interess kellu biex imur jara d-dokumenti għand il-Planning Authority.

15.4.10 Il-kunsilliera J.Borg qalet illi l-kunsillier A. Calleja Zammit astenja jekk isirx l-appell jew le u mhux kif qal il-kunsillier A. Calleja Zammit fl-intervista li saret miegħu. Il-kunsillier A. Calleja Zammit reġa tenna li jħoss illi m'għanda tkun hemm l-ebda pompa, jew anqas għanda titwessa fil-fehma tiegħu, izda anqas qabel illi titneħħa kompletament kif qal illi jixtieq jara s-Sindku. Is-Sindku gibed l-attenzjoni li f'l-emails li bagħat qal

ezattament bil-maqlub li il-kunsill ma jistax izomm l-ebda progett li jkollu f'mohhu il-Gvern Ċentrali. l-kunsillier A. Calleja Zammit qal illi fi zmien is-Sindku ta dak iz-zmien Albert Rizzo, kien qal li il-Gvern irid li jagħmel land reclamation u il-pompa titressaq lura. Is-Sindku wieġeb illi din il-proposta ma taghmilx sens, pompa fuq il-forshore u tenna li il-pompa kienet hemm kontra il-ligi tal-forshore u l-ebda gvern ma kien kapaci jikkoregi dan l-izball f'70 sena sħaħ. Il-Kunsillier A. Calleja Zammit qal illi wara 65 sena il-Gvern ma seta jagħmel xejn. Is-Sindku wiegeb li l-kunsillier A. Calleja Zammit qieghed jivvinta il-liġijiet għax din ma tohrog minn mkien, anzi l-Gvern jista dejjem anki fuq art privata jieħu art għal-finijiet ta' interess pubbliku, aħseb u ara fuq art tal-Gvern stess.

15.4.11 Wara diskors fid-dettall is-Sindku staqsa lill-kunsilliera jekk iħossu li hemm bzonn iwieġeb f'isem il-bqija tal-Kunsill. Żied illi bil-kliem tiegħu, il-kunsillier A. Calleja Zammit waddab dubju fuq is-Sindku u fuq il-Kunsill kollu. Il-kunsillier H.Caruana staqsa lill-kunsillier A. Calleja Zammit jekk hu lest jirranga, jew jirtira, il-kliem tiegħu u jagħmel apoloġija. Il-kunsillier A. Calleja Zammit qal illi hu m'hu lest jirtira xejn, u wisq inqas jagħmel apologija. Il-kunsillier H.Caruana qal li qed jikkumplika l-affarijiet la ma jridx jieħu lura l-kliem 'lack of due process' li ma jaghmlux sens fic-cirkostanzi.

15.4.12 Il-kunsillier A. Calleja Zammit qal illi għandu soluzzjoni għal-dan kollu u esprima ix-xewqa tiegħu li sid il-pompa jitħalla jitkellem għal nofs siegħa waqt laqgħa tal-kunsill. Il-kunsilliera J.Borg qalet illi huwa inutli la d-deċizjoni ittieħdet u l-kunsilliera l-oħra kollha m'aċċettawx din il-proposta. Is-Sindku qal illi ma jistax ma jħossx illi hemm skop ulterjuri minn naħa tal-kunsillier A. Calleja Zammit wara li jara din l-insistenza kollha biex saħansitra wara li ttieħdet id-decizjoni il-kunsillier A. Callejas Zammit jitlob li jingħata l-opportunita li jitkellem. Is-Sindku fakkar ukoll illi f'dan l-istadju l-applikazzjoni ma tistax tinbiddel u għalhekk il-kunsill ċertament ma kienx interessat b'li kellu jew b'li għandu xi jgħid sid il-pompa.

15.4.13 Is-Sindku għamel referenza għall-kunsillier A. Calleja Zammit fuq il-problemi li qed joħloq bejn il-kunsilliera. Qal illi dawn l-affarijiet bdew minn qabel l-elezzjoni fejn kien ċar illi għamel kampanja ta ħsara lilu personali u jkisser il-Kunsill u l-istaff u żdiedu minn meta ħareg ir-rizultat tal-elezzjoni. Is-Sindku qal illi kulħadd imdejjaq bil-mod kif jaħdem u bil-gideb tiegħu. Is-Sindku għamel referenza ukoll għall-involviment tiegħu fl-iskola primarja u qal illi il-Heads ta l-iskola talbuh biex il-kunsillier A. Calleja Zammit ma jibqax imexxi l-attivitajiet f'l-iskola minħabba l-problemi kbar li kien qiegħed joħloqilhom. Il-kunsillier A. Calleja Zammit ċaħad illi għandu interessi personali u qal illi LovinMalta f'l-interess taghhom li jaraw lil kunsilliera jisparaw fuq xulxin. Fuq dan il-punt il-kunsilliera qalu li kien hu li fajjar b'l-addoċċ l-affarijiet mingħajr ma kkonsulta ma ħadd. Is-Sindku fakkar illi kien il-kunsillier A. Calleja Zammit stess li ċempel lill-kunsilliera biex iferrex biza li l-kunsilliera li jistaw jiġu mfittxa għad-danni personalment jekk jivvottaw li jsir appell fil-qrati tal-ġustizzja. Il-kunsilliera J.Borg qalet illi kienet għamlet erba' t'ijiem ma torqodx bl-inkwiet minħabba li ntqal illi jista jkun illi jkun hemm danni personali fil-konfront tagħhom. Is-Sindku qal dan kien prova ċara illi prova jonsob lill-kunsilliera għall-benefiċċju ta' sid il-pompa. Fuq dan il-punt il-kunsilliera kollha esprimew rabja għall-attitudni tall-kunsillier A. Calleja Zammit.

15.4.14 Is-Sindku qal illi il-Kunsillier A. Calleja Zammit kien bagħat sensiela ta' *emails* fil-gimgħa ta' qabel il-laqgħa urgenti biex inissel biza fil-kunsilliera meta qal illi sid il-pompa seta ifittex lil kunsilliera b'mod personali għad-danni. Is-Sindku kellu jitkellem mall-kunsilliera kollha biex jispjega li kien dritt sagrosant tal-Kunsill li jeżerċita d-dritt li jappella għad-deċizjoni li ħadet l-awtorita tal-ippjanar u b'l-ebda mod ma jista jkun hemm lok ta' danni, aħseb u ara għal-danni personali. Is-Sindku qal li il-kunsillier A. Calleja Zammit ma huwiex avukat u ivvinta kemm felaħ biex ibezza u li ma kellu l-ebda dritt ibezza u jassilla b'dak il-mod lil kunsilliera. Il-Kunsillier A. Calleja Zammit apologiżża u is-Sindku talbu biex din l-apologija jagħmilha pubblikament. Is-Sindku qal illi t-titlu tal-artiklu ta' LovinMalta ma kellux ikun *Lack of Due Process* iżda *Undue Pressure* mill-kunsillier A. Calleja Zammit. Is-Sindku qal illi kienet ċara bizzejjed illi l-kunsillier A. Calleja Zammit ipprova jieħu vantaġġ mill-

kunsilliera għax jaf li ħadd minnhom ma għandu għarfien legali u ghamel dan purament għal-gwadann ta' sid il-pompa. Il-kunsillier Hugh Caruana talab għal darboħra biex il-kunsillier A. Calleja Zammit jirraġuna u jitlob apoloġija. Il-kunsillier A. Calleja Zammit wieġeb billi qal illi jekk ikun hemm bzonn indaħħqu lil Malta u niftħu in-nar fuq xulxin. Il-Membri tal-kunsill iddeploraw il-kliem u l-għaġir irresponsabbli tal-kunsillier A. Calleja Zammit.

15.4.15 Ittieħdet deċiżjoni, il-kunsilliera kollha apparti il-kunsillier A. Calleja Zammit qablu li għandna noħorġu stqarrija biex il-kunsilliera jiddistakkaw rwieħom mill-kliem bla bazi tal-kunsillier A. Calleja Zammit.

## 15.5 Mistoqsijiet tal-kunsilliera

15.5.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsijiet.

## 15.6 Rapporti

15.6.1 Is-Sindku ppreżenta r-rapport li rċieva mill-Contracts Manager fuq ix-xogħolijiet li saru. Ix-xogħol qed isir b'mod sodisaċċenti. Il-kunsillier H.Caruana lmenta fuq l-ammont ta' boroz illi qed ikun hemm barra matul il-ġimgħa izda din hija problema ta' infurzar izjed milli nuqqas mill-Contracts Manager.

15.6.2 Il-kunsillier S.Farrugia qal illi bħala tindif imxejna għall-aħjar izda jixtieq jara rapporti fuq xogħolijiet oħra.

## 15.7 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

15.7.1 Il-kunsillier S.Farrugia għamel punt fuq il-problema ta' permessi għax issa qegħdin joħorġu permess online u b'hekk m'hemmx kontrol fuq il-wardens.

15.7.2 Il-kunsillier S.Farrugia qal illi qed isir xogħol ta' eskavar u dawn ma jaħslux it-triq wara li jsir ix-xogħol. Id-D.S.E fakkar illi hija parti mill-liġi li jaħslu t-triq wara.

15.7.3 Il-kunsillier S.Farrugia qal illi issa la l-P.A se jiċċarġjaw biss garanzija ta' €300 għall-bankini din se tkun problema kbira għax ħadd m'hu se jkun lest jħallas d-doppju jew izjed biex jirranġaw il-problemi li joħolqu fuq il-bankini.

15.7.4 Il-kunsillier N.Chetcuti qal illi hemm karozzi li tħallew ġewwa Marshall Court li għandom jitneħħew. Is-Sindku fakkar illi dak huwa art privat.

15.7.5 Il-kunsilliera N.Chetcuti qal illi kien hemm qbil illi ssir dawl f'triq Nazju Ellul. Għandu jibgħat l-indirizzi fejn għandom jintbagħtu l-ittri biex jitwaħħlu mall-propjeta tan-nies.

15.7.6 Il-kunsillier S.Farrugia qal illi hemm bzonn persuna oħra għall-Customer Care għax mhux qegħdin ilaħħqu max-xogħol. Id-D.S.E fakkar li ħarġu sejħiet u issa ħarġet oħra.

15.7.7 Il-kunsillier J.Borg qalet illi saru tabelli mall-Marina fejn hemm miktub illi persuni m'għandomx jersqu lejn partijiet pubbliċi. Is-Sindku qal illi fl-RfP hemm indikazzjoni li hemm area tagħhom izda hemm ċerti affarijiet li ra fil-posters illi m'għandomx raġun fuqhom u se jkellimhom.

15.7.8 Il-kunsillier S.Farrugia fakkar dwar il-tlett garaxxijiet ta' triq Nazju Ellul li ma jistawx jintuzaw kemm ilha li saret it-triq/bankina. Is-Sindku qal illi kien bagħat lill-avukat tagħhom biex jara fuqha.

## 15.7 Reviżjoni tad-dekasteri u kumitat għall-festi ċentinarja

15.7.1 Is-Sindku qal illi hemm bzonn jibdew isiru taħdidiet dwar iċ-ċentinarju minn issa. Qal illi hemm bzonn niddentifikaw dati minn issa dwar attivitajiet li għandom isiru. Qal illi jħoss illi fil-kumitat hemm bzonn ikun hemm persuna minn kull għaqda u għandna nibagħtu ittra biex ikun hemm rappreżentant tagħhom. Żied illi hemm bzonn noħolqu attivitajiet u ġranet li għandom x'jaqsmu mall-festa.

**Il-kunsillier N.Chetcuti talab biex ikun skuzat fis-7.20pm**

15.7.2 Is-Sindku qal illi fuq dekasteri se jsir reviżjoni u se jiltaqa ma kull kunsillier wieħed b'wieħed.

15.7.3 Il-kunsillier A. Calleja Zammit qal illi l-Prinċipal kien ċempilu biex jgħidlu li s-sala tal-iskola ma tistax tintuza fil-preżent u b'hekk ma jsirux attivitajiet hemmhekk. Kien hemm diskussjoni u kien hemm qbil illi jsiru attivitajiet barra, fil-ġnien, filgħaxijiet fis-sajf.

## 15.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

15.8.1 Il-Viċi Sindku ppropona li l-pagamenti jiġu approvati. Il-kunsillier H.Caruana ssekondaħ.

## 15.9 Mozzjonijiet

15.9.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

## 15.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

15.10.1 Il-laqgħa intemmet fit-8pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 11 t' Awwissu 2020 fil-5pm

Konfermati, illum 11 t’ Awwissu 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Conrad Borg Manche<br>Sindku | Anthony Attard<br>Dep. Segretarju Eżekuttiv |